MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. PHILIP MANDUCA

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1748/2003

**Gasan Enterprises Limited**

**Vs**

**Christopher Grima**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm438.24c (erba’ mija u tmienja u tletin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu) rapprezentanti tlett (3) kambjali li gew iffirmati mill-konvenut u li skadew fis-6 ta’ Gunju 2003, fis-6 ta’ Lulju 2003 u fis-6 t’Awissu 2003, izda baqghu ma thallsux u dana nonostante li gie diversi drabi nterpellat.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-Ittra Ufficjali datata 12 ta’ Lulju, 2003 u tal-parir Lm15 (hmistax-il lira Maltin) kontra l-konvenut bl-imghax kontra l-istess konvenut mid-data ta’ kull skadenza u li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra n-Nota ta’ Riduzzjoni pprezentata fit-23 ta’ Settembru, 2003 li permezz taghha s-socjeta’ attrici rriduciet it-talba ghas-somma ta’ Lm138.24c (mija u tmienja u tletin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu) billi sar pagament waqt il-mori tal-kawza izda zammew ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

Ra n-Nota ta’ Cessjoni tas-sorte pprezentata fit-3 ta’ Frar, 2005 li permezz taghha s-socjeta’ attrici cediet l-atti tal-kawza billi sar il-pagament u zammet ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------